

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Legali
'Chairperson'*

1.4.2009

Is-Sinjura Angelika Niebler
'Chairperson'
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali għal proposta ta' tfassil mill-ġdid: Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (COM(2008)0780 – C6-0413/2008 – 2008/0223(COD))Għażiża Sa Niebler,

B'ittra tas-6 ta' Marzu 2009 inti tlabt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 35(2) tar-Regoli ta' Proċedura, sabiex jeżamina l-validità tal-bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni hawn fuq imsemmija.

Il-kumitat eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tat-30-31 ta' Marzu 2009.

Sfond

Fil-15 ta' Jannar il-proposta msemmija hawn fuq għal strument ta' tfassil mill-ġdid ġiet imressqa lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli għall-opinjoni, skont l-Artikolu 80a tar-Regoli tal-Proċedura¹.

B'segwitu għall-opinjoni tas-Servizz Legali, li r-rappreżentattivi tiegħu pparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li jeżamina l-proposta ta' tfassil mill-ġdid, u b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur għall-opinjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra li l-proposta inkwistjoni ma tinkludi ebda bidla sostanzjali lil'hinn minn dawk identifikati bħala tali fil-proposta jew fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma u li, f'dak li

¹ It-tfassil mill-ġdid jikkonsisti fl-adozzjoni ta' att legali ġdid li jinkorpora f'test wieħed kemm l-emendi sostantivi li jkun għamel għal att preċedenti u d-dispożizzjonijiet bla tibdil ta' dak l-att. L-att legali ġdid jissostitwixxi u jabroga l-att preċedenti. Huwa governat mill-Ftehma Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 (ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1) u mill-Artikolu 80a tar-Regoli ta' Proċedura. Ara wkoll iktar 'il quddiem.

għandu x'jaqsam mal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti b'dawk il-bidliet, il-proposta inkludiet kodifikazzjoni ċara u diretta tat-testi eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom.

Barra dan, skont l-Artikoli 80a(2) u 80(3), il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ikkunsidra li l-adattamenti tekniċi suġġeriti fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma msemmi hawn fuq kienu neċessarji sabiex jiġi żgurat li l-proposta tikkonforma mar-regolamenti dwar it-tfassil mill-ġdid.

Wara li ddiskutiha fil-laqgħa straordinarja tiegħu tad-9 ta' Marzu 2009, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, b'16-il vot favur u ebda astensjoni¹, irrakkomanda li l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, jeżamina l-proposta filwaqt li jqis is-suġġerimenti tiegħu b'konformità mal-Artikolu 80a.

Fis-6 ta' Marzu 2009, inti ktibt ittra lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali b'dan il-kliem:

*"Il-Kumitat li għandi l-unur li nipresjedi qiegħed iqis il-proposta li ġejja:
Proposta għal Direttiva fuq il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (tfassil mill-ġdid)
(COM(2008)0780).*

Il-proposta, li hija tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2002/91/KE, hija bbażata fuq l-Artikolu 175(1) tat-Trattat tal-KE. Diversi membri ressqu emendi biex ibiddu l-bażi legali proposta.

Dawn l-emendi jistgħu jitqassru kif ġej:

- *Emenda mis-Sur Reul li jżid l-Artikolu 95 għall-bażi legali proposta;*
- *Emendi mis-Sur Hudacky, is-Sur Vidal Quadras, is-Sa Vlasto, is-Sur Chatzimarkakis u s-Sur Liese, mis-Sur Rübig u mis-Sur Gierek li jżidu l-Artikolu 95 mal-bażi legali proposta f'relazzjoni mal-Artikoli 3, 4 u l-Annessi I u II.*

Minħabba dan, nixtieq nitlob lill-Kumitat tiegħek biex jagħti opinjoni dwar kemm hi xierqa l-bażi legali għal dawn iż-żewġ proposti, u dan skont l-Artikolu 35(2) tar-Regoli ta' Proċedura.

Napprezza ħafna kieku din l-opinjoni tkun tista' ssir disponibbli fi żmien xieraq qabel il-votazzjoni dwar l-abbozz tar-rapport fil-Kumitat ITRE, li hija ppjanata għall-31 ta' Marzu 2009."

Il-bażijiet legali li qed jiġu eżaminati

L-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE jgħid dan li ġej:

"1. Il-Kunsill, li jaġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 wara li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandu jiddeċiedi liema azzjoni għandha tittieħed mill-Komunità sabiex tilħaq l-oġettivi imsemmija fl-Artikolu 174."

¹ Kienu preżenti dawn il-Membri: Giuseppe Gargani (Chairman), Klaus-Heiner Lehne, Eva-Riitta Siitonen, Tadeusz Zwiefka, Neena Gill, Manuel Medina Ortega, Diana Wallis, Francesco Enrico Speroni, Monica Frassoni, Jean-Paul Gauzès, Kurt Lechner, Georgios Papastamkos, Gabriele Stauner, Ieke van den Burg, Vicente Miguel Garcés Ramón, Bill Newton Dunn.

L-Artikolu 174 tat-Trattat KE jistipola l-objettivi tal-politika tal-Komunità dwar l-ambjent.

L-Artikolu 95 tat-Trattat KE jgħid dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 94 u ħliet fejn provdut xort'oħra f'dan it-Trattat, id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kisba ta' l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 14. Il-Kunsill għandu, waqt li jaġixxi skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 251 u wara li jikkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jadotta l-miżuri għall-approssimazzjoni tad-disposizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.

2. Il-paragrafu 1 m' għandux japplika għal disposizzjonijiet fiskali, għal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-moviment liberu ta' persuni u lanqas għal dawk li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet u l-interessi ta' l-impjegati.

3. Il-Kummissjoni, fil-proposti tagħha kif maħsuba fil-paragrafu 1 li jikkonċerna s-saħħa, s-sigurtà, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur, għandha tieħu bħala bażi protezzjoni fl-għola livell, waqt li tieħu kont partikolarment ta' kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Fil-limiti tal-poteri rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ukoll ifittxu li jilħqu dan l-objettiv.

4. Jekk, wara l-adozzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni ta' miżuri ta' armonizzazzjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jżomm id-disposizzjonijiet nazzjonali fuq il-bażi ta' neċessitajiet maġġuri msemmija fl-Artikolu 30, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol, dan għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'dawn id-disposizzjonijiet kif ukoll dwar ir-raġuni għaliex għandhom jinżammu.

5. Aktar minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jekk, wara l-adozzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jintroduċi disposizzjonijiet nazzjonali ibbażati fuq prova xjentifika ġdida li għandha x'taqsam mal-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol fuq il-bażi ta' xi problema speċifika għal dak l-Istat Membru li toriġina mill-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni bid-disposizzjonijiet li jkollu l-ħsieb jintroduċi kif ukoll bil-bażi għall-introduzzjoni tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifika msemmija fil-paragrafi 4 u 5, tapprova jew tiċħad id-disposizzjonijiet nazzjonali involuti, wara li tkun ivverifikat jekk humiex, jew le meżż ta' diskriminazzjoni arbitraria jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u jekk joħolqux, jew le ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni matul dan il-perijodu, d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu approvati.

Meta tkun iġġustifikata mill-komplessità tal-materja u meta m' hemmx periklu għas-saħħa umana, il-Kummissjoni tista' tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li l-perijodu msemmi f'dan il-paragrafu jista' jittawwal b'perijodu ieħor sa sitt xhur.

7. *Meta, bis-saħħa tal-paragrafu 6, xi Stat Membru jkun awtorizzat li jżomm jew jintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha immedjatement teżamina jekk tipproponix adattament għal dik il-miżura.*

8. *Meta Stat Membru jqajjem problema speċifika dwar is-saħħa pubblika f'qasam li kien suġġett minn qabel għal miżuri ta' armonizzazzjoni, dan għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni li għandha immedjatement teżamina jekk tipproponix miżuri xierqa lill-Kunsill.*

9. *B' deroga mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 258 u 259, il-Kummissjoni u xi Stat Membru jista' jressaq il-materja direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea jekk jikkunsidraw li xi Stat Membru ieħor ikun qiegħed jgħamel użu mhux xieraq tal-poteri previsti f'dan l-Artikolu.*

10. *Il-miżuri ta' armonizzazzjoni msemmija hawn fuq għandhom, fil-każi xierqa, jinkludu klawnsola ta' salvagwardja li tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu għal raġuni waħda jew aktar li m' hijiex ta' natura ekonomika imsemmija fl-Artikolu 36, miżuri provviżorji suġġetti għall-proċedura tal-kontroll mill-Unjoni.*

Evalwazzjoni

Ġenerali

L-atti Komunitarji kollha għandhom ikunu msejsa fuq bażi legali stipulati fit-Trattat (jew fi kwalunkwe att legali ieħor li huma maħsuba li jimplementaw). Il-bażi legali tiddefinixxi l-kompetenza tal-Komunità *ratione materiae* u tispeċifika kif din il-kompetenza għandha tiġi eżerċitata, b'mod partikolari l-istrument(i) leġiżlattiv(i) li jista'/jistgħu jintuża(w) u l-proċedura ta' teħid ta' deċiżjoni.

Fid-dawl tal-konsegwenzi tal-bażi legali, l-għażla ta' din hija ta' importanza bażika, b'mod partikolari għall-Parlament, peress li din tiddetermina kemm għandu saħħa, jekk għandu, il-Parlament fil-proċess leġiżlattiv.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja l-għażla tal-bażi legali mhix waħda suġġettiva, imma "għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi, suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju"¹, bħall-għan u l-kontenut tal-miżura kkonċernata². Barra minn hekk, il-fattur deċiżiv għandu jkun l-oġġettiv prinċipali ta' miżura.³

Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, artikolu ġenerali tat-Trattat jikkostitwixxi bażi legali suffiċjenti anki jekk il-miżura kkonċernata tipprova, b'mod subordinat, tilħaq għan maħsub f'artikolu speċifiku tat-Trattat⁴.

Madankollu, fejn miżura għandha diversi oġġettivi fl-istess ħin li huma marbuta flimkien b'mod permanenti mingħajr ma jkunu sekondarji u indiretti fir-rispett tal-oħrajn, il-miżura

¹ Kawża 45/86, Il-Kummissjoni v. il-Kunsill [1987] ECR 1439, para. 5.

² Kawża C-300/89, Il-Kummissjoni v. il-Kunsill [1991] ECR I-287, para. 10.

³ Kawża C-377/98, Il-Pajjiżi l-Baxxi v. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill [2001] ECR I-7079, para. 27.

⁴ Kawża C-377/98, Il-Pajjiżi l-Baxxi v. il-Parlament Ewropew u l-Kunsill [2001] ECR I-7079, para. 27-28.

Kawża C-491/01 British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco [2002] ECR I-11453, paras 93-94.

għandha tkun ibbażata fuq dispożizzjonijiet rilevanti u varji tat-Trattat¹, sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba inkompatibilità reċiproka mal-proċeduri ta' teħid ta' deċizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet².

Il-proposta tal-Kummissjoni li qed tiġi evalwata hija bbażata biss fuq l-Artikolu 175(1) tat-Trattat tal-KE. Il-mistoqsija li tqum hija jekk referenza għall-Artikolu 95 bħala bażi legali addizzjonali hijiex ammissibbli.

Ammissibilità tal-emendi fi proċedura ta' tfassil mill-ġdid

L-ewwel nett, wieħed għandu jżomm f'moħħu li, peress li hija strument ta' tfassil mill-ġdid, il-proposta kkonċernata, minn naħa, tintroduċi tibdil sostanzjali lil-leġiżlazzjoni eżistenti u, min-naħa l-oħra, tikkodifika d-dispożizzjonijiet maħsuba biex jibqgħu mhux mibdula. Din tabroga wkoll l-atti li qed tissostitwixxi.

Bħala konsegwenza, din il-proposta hija suġġetta għall-Artikolu 80a tar-Regoli tal-Proċedura, li jgħid dan li ġej:

"1. Meta proposta tal-Kummissjoni għat-tfassil mill-ġdid ta' leġiżlazzjoni Komunitarja tiġi preżentata lill-Parlament, għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali u l-kumitat responsabbli għas-suġġett tal-kontenut.

2. Il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali għandu jeżamina l-proposta skont l-arranġamenti milħuqa fuq livell interistituzzjonali bil-għan li jkun żgurat li din ma tinvolvi tibdiliet sostanzjali minbarra dawk identifikati bħala tali fil-proposta.

Għall-iskop ta' dan l-eżami, l-emendi għat-test tal-proposta m'għandhomx ikunu ammissibbli. Madankollu, l-Artikolu 80(3), it-tieni subparagrafu japplika f'dak li għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux fil-proposta għal tfassil mill-ġdid.

3. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jikkonkludi li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali għal-leġiżlazzjoni minbarra dawk identifikati bħala tali fil-proposta, għandu jinforma lill-kumitat responsabbli.

F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 150 u 151, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli mill-kumitat responsabbli jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet sostanzjali.

Madankollu, emendi tal-partijiet li ma nbidlux jistgħu jiġu ammessi fuq bażi eċċezzjonali u fuq bażi ta' każ b'każ mill-president ta' dan il-kumitat jekk iqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet imperattivi li għandhom x'jaqsmu mal-loġika interna tat-test jew għaliex l-emendi huma marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħra li jkun ammissibbli. Dawn ir-raġunijiet għandhom jitniżżlu f'ġustifikazzjoni miktuba tal-emendi.

¹ Kawża 165/87, il-Kummissjoni v. il-Kunsill [1988] ECR 5545, para. 11.

² Ara pereżempju l-Kawża C-300/89 il-Kummissjoni v. il-Kunsill [1991] ECR I-2867, paras 17-21 (il-Kawża dwar id-dijossidu tat-titanju), il-Kawża C-388/01 il-Kummissjoni v. il-Kunsill [2004] ECR I-4829, para. 58 u l-Kawża C-491/01 British American Tobacco [2002] ECR I-11453, paras 103-111.

4. *Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta tinkludi bidliet sostanzjali għal-leġislazzjoni minbarra dawk identifikati bħala tali, huwa għandu jipproponi li l-Parlament jiċħad il-proposta u jinforma lill-kumitat responsabbli li għamel hekk.*

F'dan il-każ, il-President għandu jsejjaħ lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta. Jekk il-Kummissjoni tagħmel dan, il-President għandu jqis il-proċedura bħala superfluwa u għandu jinforma lill-Kunsill. Jekk il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta tagħha, il-Parlament għandu jerġà jibgħatha lill-kumitat responsabbli għas-suġġett, u dan għandu jeżaminaha skont il-proċedura normali.”

Għaldaqstant jidher li, fejn jidħol il-poter tal-kumitat responsabbli li jemenda, għandha ssir distinzjoni bejn l-emendi għall-partijiet il-ġodda (ġeneralment identifikati bħala tipa mmarkata bil-griż) u l-emendi għall-partijiet tal-proposta li ma nibdlux (ġeneralment identifikati b'tipa normali).

L-emendi għall-partijiet il-ġodda huma suġġetti għar-regoli tas-soltu dwar l-ammissibilità tal-emendi, filwaqt li l-emendi għall-partijiet li ma nibdlux huma ammissibbli biss fuq bażi eċċezzjonali u fuq bażi ta' każ b'każ mill-president tal-kumitat responsabbli jekk iqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet imperattivi li għandhom x'jaqsmu mal-loġika interna tat-test jew għaliex l-emendi huma marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħra li jkunu ammissibbli.

F'kuntest bħal dan, l-espjenzja tad-dħul tal-Artikolu 95 bħala bażi legali addizzjonali ma tistax tkun evalwata skemm tiġi evalwata l-ammissibilità tal-emendi relatati fil-qafas tal-proċedura ta' tfassil mill-ġdid. Madankollu, minħabba li dik l-evalwazzjoni hija kwistjoni għall-president tal-kumitat prinċipali biss, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jista' joffri biss l-elementi li ġejjin għar-riflessjoni.

Fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Marzu 2009, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, approva l-opinjoni tas-Servizzi Legali, u kkunsidra li ma sarux bidliet sostanzjali għall-bażyi legali tal-proposta u li, għaldaqstant, iċ-ċitazzjoni relatata rrapreżentat kodifikazzjoni ċara u diretta tat-testi eżistenti.

Bħala konsegwenza, l-ammissibilità tal-emendi għal dik il-parti tat-test mhijiex awtomatika u għandha tiġi eżaminata l-ewwel. Jidher mill-emendi mressqa għall-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija li dawk li għandhom l-għan li jżidu l-Artikolu 95 mal-Artikolu 175(1) li diġà jeżisti jistgħu jitqiesu bħala konsistenti ma' dawk li għandhom l-għan li jbiddu l-Artikoli 3, 4 u 5 flimkien mal-Annessi I u II.

Madankollu, għandha tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li huma biss l-emendi għall-Artikolu 5 u l-Anness II li huma ammissibbli b'mod ċar minħabba li jirreferu għal partijiet ġodda tal-proposta, filwaqt li l-emendi għall-Artikoli 3 u 4 u l-Anness I jistgħu jkunu ammessi biss minħabba li huma marbutin wisq fil-qrib mal-emendi ammissibbli.

Eżami tal-proposta

L-eżami tal-proposta turi li m'hemmx dubju fuq il-prevalenza tal-oġġettivi ambjentali.

L-ewwel nett, skont il-premessa 3, "*it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fis-settur tal-bini jikkostitwixxi parti importanti mill-miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-konformità mal-Protokoll ta' Kjoto tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u ma' impenji Ewropej u internazzjonali oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra wara l-2012.*"¹.

It-tieni nett, ħaġa li hija iktar istruttiva hi li l-Artikolu 1, meta jiddefinixxi s-suġġett tal-proposta, jgħid dan li ġej:

"Din id-Direttiva tipromwovi t-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini fi ħdan il-Komunità, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti tal-klima ta' barra u kundizzjonijiet lokali, kif ukoll rekwiżiti tal-klima ta' ġewwa u l-effettività tal-ġestjoni tal-ispejjeż. Din id-Direttiva tispeċifika rekwiżiti kif ġejjin dwar:

- (a) *il-qafas ġenerali għal metodoloġija għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija integrata tal-bini u partijiet minnu ;*
- (b) *l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini ġdid u partijiet minnu ;*
- (c) *l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini eżistenti u partijiet minnu li huma suġġetti għal tibdil kbir;*
- (d) *pjanijiet nazzjonali għal żieda fl-għadd ta' binijiet li kemm l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju kif ukoll il-konsum tal-enerġija primarja huma baxxi jew zero;*
- (e) *iċ-ċertifikazzjoni tal-enerġija tal-bini jew partijiet minnu ;*
- (f) *spezzjoni regolari tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kundizzjonata fil-bini;*
- (g) *sistemi ta' kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u rapporti ta' spezzjoni."*

It-tielet nett, l-Artikolu 4 tal-proposta, meta qed jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija iqis li, attwalment, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija, kif stabbiliti mill-Istati Membri, ivarjaw konsiderevolment fil-livell tal-ambizzjoni tagħhom, u xi wħud minnhom għadhom 'il bogħod mil-livelli ta' spiża ottimali. Dan ifisser li f' bosta kostruzzjonijiet u xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni, qed tintilef opportunità għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija b' mod ekonomiku u għat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija futuri. It-test ġie mmodifikat sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini kif stipulati mill-Istati Membri jiġu gradwalment allinjati mal-livelli tal-ispiża ottimali.

Ir-raba' nett, l-Artikolu 5 jintroduċi metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli ta'

¹ Il-Premessa 3 tistabbilixxi wkoll li "It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għandu wkoll sehem importanti fil-promozzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, l-iżvilupp teknoloġiku u l-għoti ta' opportunitajiet għall-impjiegi u l-iżvilupp reġjonali, speċjalment f' żoni rurali." Madankollu, kif jintwera iktar 'il quddiem, dawn huma biss għanijiet anċillari tal-proposta.

spiża ottimali għar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija. Din tikkonsisti minn metodoloġija ta' kalkolu żviluppata mill-Kummissjoni li tqis kriterji ta' spiża ottimali skont il-fatturi varjabbli (bħall-ispejjeż tal-investment, l-ispejjeż tal-operat u tal-manutenzjoni, inklużi l-ispejjeż tal-enerġija). L-Istati Membri jkunu mitluba jużaw din il-metodoloġija sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti tal-ispiża ottimali billi jużaw fatturi varjabbli determinati minnhom. Ir-riżultati għandhom imbagħad jitqabblu mar-rekwiżiti reali stabbiliti fl-Istat Membru, u b'hekk jiġi indikat b'mod ċar kemm ir-rekwiżiti nazzjonali joqorbu għal-livelli tal-ispiża ottimali. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw il-fatturi varjabbli speċifikati, ir-riżultati tal-kalkolu komparattiv u t-tqabbil mar-rekwiżiti stipulati mill-Kummissjoni, li tippubblika rapporti dwar il-progress.

Kif muri mid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq (flimkien ma' ħafna mid-dispożizzjonijiet li għad fadal li qed jitħallew barra għall-iskop tal-qosor), il-proposta tillimita ruħha għall-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi tal-enerġija li jistgħu jiġu mtejba mill-Istati Membri. L-approċċ huwa perfettament konsistenti mal-Artikolu 176 tat-Trattat tal-KE, li jgħid li "*Il-miżuri protettivi adottati skond l-Artikolu 175, m'għandhomx jimpedixxu lil xi Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi aktar iebsa. Dawn il-miżuri għandhom ikunu kompatibbli ma' dan it-Trattat. Dawn għandhom jiġu mgħarrfa lill-Kummissjoni.*" L-Artikolu 175 huwa għaldaqstant l-unika bażi legali xierqa għall-proposta kif tressqet mill-Kummissjoni.

Madankollu, tqum il-kwistjoni ta' kemm hu xieraq l-Artikolu 95 bħala bażi legali addizzjonali li jiġi introdott sabiex jitqiesu xi emendi li qed jiġu kkunsidrati mill-kumitat prinċipali, speċjalment l-emendi għall-Premessi 9 u 12, l-Artikoli 3, 4 u 5 u l-Annessi I u II.

Dawn l-emendi għandhom l-għan li jmorru lil'hinn mill-approċċ ta' rekwiżiti minimi u għandhom l-intenzjoni ċara li jissostitwixxu il-metodoloġija komparattiva għall-kalkolu b'metodoloġija unika armonizzata. Il-ġustifikazzjoni tagħhom bażikament iddur mal-idea li d-Direttiva inkwistjoni tagħti lok li jkun hemm swieq individwali fejn metodi ta' kalkolu u rekwiżiti ta' spezzjoni differenti jipprevjenu lill-manifatturi milli jagħmlu marketing ta' prodotti konformi madwar l-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant hemm bżonn għall-introduzzjoni ta' metodu uniku ta' kalkolu madwar l-Ewropa bbażat fuq approċċ ta' suq uniku u li juża standards Ewropej eżistenti (CEN).

M'hemmx dubju li, mill-perspettiva tal-emendi msemmeja hawn fuq, sabiex tibbenefika mit-teknoloġiji moderni u żżommhom jew iġġibhom parti mill-ekonomiji ta' skala, id-Direttiva għandha bżonn bażi legali li tinkludi kemm l-Artikolu 175(1) kif ukoll l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE.

Kif kien indikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ tar-reklamar tat-tabakk¹, dawk il-miżuri li ġenwinament għandhom bħala objettiv tagħhom it-titjib tal-kondizzjonijiet jew l-istabbiliment u l-funzjonar tas-suq intern biss jistgħu jkunu bbażati fuq l-Artikoli 95. Fi kliem ieħor, sabiex l-Artikolu 95 ikun validu, il-miżura proposta għandu jkollha xi "valur miżjud" għas-suq intern.

Dan jidher li hu preċiżament il-każ tal-emendi inkwistjoni, minħabba li għandhom l-għan li

¹ Kawża C-376/98, Il-Ġermanja v. il-Kunsill [2000] ECR I-8419, fil-paragrafi 81-83.

jevitaw suq frammentat fil-qasam tal-prodotti rilevanti li jiffrankaw l-enerġija, u b'hekk jistabilixxu żona mingħajr fruntieri li fiha ilmoviment ħieles ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital ikun assigurat skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE (speċjalment l-Artikoli 3(1)(c) u 14).

B'konsegwenza, jekk dawk l-emendi jiġu adottati, għandha tiżdied bażi legali konsistenti li tinsab fl-Artikolu 95. Mill-banda l-oħra, ir-referenza li teżisti għall-Artikolu 175(1) għandha tinżamm minħabba li tkun tkopri l-għan ambjentali ġenerali tal-proposta.

Madankollu, għandu jitqies f'konsiderazzjoni li taf tirriżulta xi inċertezza legali mill-kombinazzjoni tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 95 fejn, taħt l-Artikolu 95, biex iżommu jew jadottaw miżuri iktar stretti minn dawk provduti f'att tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li fil-każ tal-miżuri bbażati fuq l-Artikolu 175, l-Artikolu 176 jipprovdi li miżuri iktar stretti jistgħu jinżammu jew jiġu introdotti provdut li jkunu kompatibbli mat-Trattat u li huma notifikati lill-Kummissjoni.

Fil-każ inkwistjoni, iż-żewġ dispożizzjonijiet jistgħu jiġu interpretati kif ġej. Minħabba li l-emendi inkwistjoni ma jikkundtradixxux kompletament l-għan oriġinali tal-istabbiliment ta' rekwiżiti *minimi* għall-prestazzjoni tal-enerġija, miżuri nazzjonali iktar stretti, jekk ikun hemm, jistgħu jkunu suġġetti għall-approvazzjoni awtomatika mill-Kummissjoni, ladarba jkunu notifikati, sakem dawn jaffettwaw ħażin l-iffunzjonar tas-suq intern.

Għeluq

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, huwa meqjus li l-Artikolu 175(1) tat-Trattat tal-KE huwa l-bażi legali l-iktar xierqa tal-proposta kif ġiet imressqa lill-Kummissjoni. M'hemm b'żonn li tiżdied referenza lill-Artikolu 95, sakemm ma jiġux dikjarati minn qabel emendi li jirrikjeduh bħala bażi legali iktar xierqa miċ-Chairperson tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u mbagħad jiġu adottati mill-Kumitat innifsu.

Fil-laqgħa tiegħu tat-30-31 ta' Marzu 2009 il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda, bi 18-il vot favur, vot wieħed kontra u xejn astensjonijiet, li jirrakkomanda li l-bażi legali għall-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (tfassil mill-ġdid) għandha tkun l-Artikolu 175(1) tat-Trattat tal-KE u li ż-żieda tal-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE huwa neċessarju biss jekk l-emendi li jirrikjeduh huma dikjarati ammissibbli u adotatti.

Dejjem tiegħek,

Giuseppe Gargani

